MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 524/2001/1

**Dolmen Complex Limited**

**vs**

**Incoming Travel Bureau Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' tlett elef disgha mija u tlieta u hamsin liri Maltin u seba u tmenin centezmi (Lm3,953.87) kif jidher minn prospett hawn annes u mmarkat Dok "A1" rapprezentanti

bilanc ta' prezz ghas-servizz pprovduti lis-socjeta konvenuta;

Illi ghalkemm is-socjeta konvenuta giet interpellat diversi drabi mis-socjeta attrici biex thallas id-debiti dovuti hija baqghet inadempjenti;

Illi l-ammmont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-kodici ta' Prodcedura Civili Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li fil-fehma tas-socjeta attrici, s-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid l-ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, m'ghandhiex dina l-Qorti:

1 Tipprocedi ghas-sentenza bid-dispena tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Prcedura Civili Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2 Tikkundannha thallas is-somma ta'tlett elef disgha mija u tlieta u hamsin liri Maltin u seba u tmenin centezmi (Lm3.953.87) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal-servizzi pprovduti lis-socjeta konvenuta;

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sa l-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta biex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta atrici;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Marzu 2003;

Ikkonsidrat:

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti;

Jigi rilevat li s-socjeta konvenuta naqset li tidher u naqset li b'xi mod tikkontesta t-talbiet attrici;

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha attrici u tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’tlett elef disgha mija u tlieta u hamsin liri Maltin u seba u tmenin centezmi (Lm3.953.87) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ghal-servizzi pprovduti lis-socjeta konvenuta u dana bl-imghaxxijiet kollha legali sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------